**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Il-Pulizija**
**(L-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni)**
**(Spettur Christian Abela)**

**vs.**

**Hesham Jebari Bensayid**

Numru: 2/2021

Illum 21 ta' Marzu 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Hesham Jebari Bensayid**, ta' erbgħa u għoxrin (24) sena, nazzjonalita' Marokkina, iben Mohammed u Sadia, imwieled Berkane nhar id-29 ta' Lulju 1996 u preżentament bla residenza u detentur ta' Numru tal-Pulizija 19QQ-005

akkużat talli fil-21 ta' Marzu 2021 għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħodu ġewwa l-Virtu Terminal:

1. bħala persuna illi mbarka jew żbarka, minn jew ġo Malta naqas illi jagħti lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-oħra kif l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jeħtieġ (Artikolu 28 tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. fl-istess data, lok u ċirkustanzi, bil-moħbi mbarka u baħħar ma' bastiment, jew prova bil-moħbi jimbarka biex ibaħħar ma' bastiment, mingħajr il-kunsens jew tas-sid jew tal-kaptan tal-bastiment, jew ta' uffiċjal jew persuna oħra nkarigata mill-bastiment, jew ta' xi persuna oħra li jkollha d-dritt li tagħti dak il-kunsens (Artikolu 184 tal-Kapitolu 234 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. fl-istess data, lok u ċirkostanzi, naqas li jidħol ġewwa xi *area* magħluqa ta' port jew li ħareġ minnha mill-postijiet tad-dħul jew ħruġ maħsuba għalhekk u waqt li kien f'dik l-*area* jew fuq dak il-moll, naqas milli jħares dawk l-ordnijiet li jistgħu minn żmien għal żmien jingħataw mill-Awtorità jew mill-kuntrattur skond il-każ u l-kondizzjonijiet ta' kull avviż jew sinjal kif ikun muri mill-Awtorità (Regolament 55, Leġislazzjoni Sussidjarja 499.01 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha.

Semgħet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat u dana fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati.

Illi, meta tiġi biex tikkunsidra l-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tieħu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali nadifa (Dok. "CA 5" – *a fol.* 11) tal-imputat, in-natura tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat u kif ukoll l-ammissjoni bikrija tiegħu.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikolu 28(1) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 184 tal-Kapitolu 234 tal-Liġijiet ta' Malta, u Regolament 55 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.01 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Hesham Jebari Bensayid ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal perijodu ta' seba' (7) xhur priġunerija.

**Dr. Neville Camilleri**
**Maġistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**